MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## LAWRENCE QUINTANO

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2012

Appell Kriminali Numru. 249/2011

Il-Pulizija
Vs
Joan Azzopardi

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli:

Meta b’ diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, bejn l-1 ta’ Novembru, 2010 u s-17 ta’ Frar, 2011, meta hekk ordnata minn xi Qorti jew marbuta b’kuntratt naqset li taghti lil Carmel Borg u/jew lil uliedha is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghalih u/jew ghall-uliedu fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-16 ta’ Mejju, 2011 fejn wara li rat l-artikoli 338(z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta sabet lill-imputata hatja u kkundannata xahar detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fis-27 ta’ Mejju, 2011 fejn tablet lil din il-Qorti sabiex thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza tas-16 ta’ Mejju, 2011 li nghatat mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fl-ismijiet *il-Pulizija vs Joan Azzopardi* per Magistrat Anthony J. Vella u b’dana li ma ssibx l-appellanti hatja ta’ l-istess akkuza u minnha tilliberha biex b’hekk tillibera lil appellant minn kull htija, jew alternattivament tvarja s-sentenza f’dik il-parti li tikkoncerna l-piena inflitta fuq l-appellanta.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-

L-ewwel aggravju:

Illi l-apellanta qieghda ssostni illi hi ma tiflahx thallas il-manteniment hekk kif ordnata mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha datata tlieta (3) ta’ April, 2009.

Illi s-sitwazzjoni finanzjarja tal-appellanta hija wahda kritika u dana peress illi hi ma tahdimx u l-uniku introjtu li hija ghandha hija kirja tal-fond 387, Rue D’Argens, Gzira liema kirja tammonta ghal-€209.64 fix-xahar.

Illi l-propjeta` l-ohra appartenenti lill-appellanti huma lkoll marbuta mal-Bank HSBC Bank (Malta) plc u fil-fatt hija ghad ghandha dejn pendent ta’ €58,234.33 ma l-istess bank;

Illi iktar minn hekk ir-rikorrenti ghandha debitu ta’ €3,958.81 mad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali li qed jithallas bil-hamsin Ewro (€50) fix-xahar flimkien ma dejn iehor ma’ terzi persuni ammontanti ghal-€3,000 li bhalissa mhux qed jithallas;

Illi ghalhekk ma hemmx dubbju illi r-rikorrenti m’hix f’sitwazzjoni li thallas l-manteniment imsemmi;

Illi l-appellanta intavolat procedura ta’ medjazzjoni sabiex il-manteniment jigi ridott u/jew mnehhi u in oltre hija se tinizja procedura ohra sabiex hi tkun tista` tibda tara t-tfal taghha peress illi l-access taghha ghalihom, fl-umli opinjoni taghha b’ mod ingust ghaliha, gie sospiz mill-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] mis-sitta (6) ta’ Marzu, 2006;

Illi ghalhekk fl-umli opinjoni tal-appellanta fil-kaz odjern certament jiskatta l-principju *‘ad impossibilia nemo tenetur’* fejn wiehed ma jistax jistenna li l-appellanta taghmel xi haga li ghaliha huwa mpossibli.

Illi fid-dawl ta’ dan l-appellanta taghmel ampja referenza ghal- kawza fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Gaetano Micallef” deciza mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fit-12 ta’ Marzu, 2009 Appell Kriminali Nru: 378/2008 fejn gie deciz ezattament l-applikazzjoni ta’ dana l-principju li ghandu fl-umli fehma tal-appellanti japplika ukoll fil-kaz odjern.

It-tieni aggravju:

Illi dana l-aggravju jirrigwardja il-piena li mponiet l-ewwel Qorti u cioe` dak ta’ xahar detenzjoni fil-konfront ta’ l-appellanta.

Illi huwa minnhu illi l-piena li nghatat hija wahda fil-parametri tal-ligi izda l-Qorti ghandha tikkonsidra fatti li certament jimmiltiaw favur ta’ piena mhux ta’ detenzjoni.

Dan qed jinghad ghaliex il-manteniment involut f’dana l-kaz u cioe` dak ta’ €200 fix-xahar hu relattivament gholi meta wiehed jikkonsidra l-introjtu u d-dejn prezenti tal-appellanta hekk kif l’fuq spjegat u l-fatt li fil-prezent l-appellanta m’hix qed tahdem.

Illi ghalhekk l-appellant isostni illi anke jekk il-Qorti ma tilqax l-ewwel aggravju hekk kif mressqa minnha, ghandha tvarja s-sentenza taghha ghal-dak li jirrigwarda l-piena billi ma taghtix detenzjoni. B’referenza ghall-kawza tal-Appell Kriminali “Il-Pulizija vs Publius Said” deciz fid-9 ta’ Lulju, 2003 u f diversi sentenzi sussegwenti: *l-ghan*

*ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il-kontravenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti u osservati skrupolozament".*

Rat in-nota ta' l-appellanti Joan Azzoppardi pprezentata fl-1 ta' Gunju, 2011 fejn permezz taghha ipprezentat kopja ta' ircevuta li tindika li hija hallset l-arretrati kollha tal-manteniment dovut lir-ragel taghha ghaz-zewg tfal minuri.

Semghet lis-sur Borg jixhed illi huwa thallas ghall-manteniment in kwistjoni, jigifieri ghal dawk id-dati kollha li hemm involuti u indikati fic-citazzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tirriforma s-sentenza moghtija fis-16 ta' Mejju, 2011 fl-smijiet premessi billi waqt illi tikkonferma fejn sabet lill-appellanti hatja tal-imputazzjoni dedotta kontra taghha, qed tirriformaha f'dik il-parti fejn ikkundannataha ghal xahar detenzjoni u minflok qed tikkundanna lill-appellanti thallas ammenda ta' €58.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------